MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru 1076/2005

Godfrey Ciangura
vs
Carmen German

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi l-attur Godrey Ciangura kien qed isuq il-mutur HAT 981 f'Misrah San Duminku, ir-Rabat (Malta) fis-7 ta' Jannar 2005 [wara l-korrezzjoni ordnata fis-6 ta' Lulju, 2006] u sehh incident stradali meta l-konvenuta Carmela German li kienet qed isuq il-vettura IBF 583 invadiet il-karregjata ta' l-attur sabiex tidhol go triq laterali u baqghet diehla fuq il-mutur ta' l-attur li kien sejjer dritt.

Illi l-incident sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti da parti tal-konvenuta li ghamlet manuvra perikoluza bil-vettura taghha.

Illi rizultat ta’ dana l-incident Godfrey Ciangura safa’ mwegga gravement u ser jibqa’ permanentement disabilitat oltre li sofra danni ohrajn.
Illi l-konvenuta bl-ebda mod ma ghamlet tajjeb ghad-danni minnha ikkagunati kif imfisser.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b’rizultat ta’ l-istess soffra l-attur.

2. Tillikwida d-danni okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta’ danni, kif imfisser.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-lum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta’ Jannar 2004 gewwa r-Rabat (Malta) waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura numru IBF 583 ma’ garax tort u htija taghha izda gara unikament tort u htija ta’ Godfrey Ciangura s-sewwieq tal-vettura numru HAT 981 u dana kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi in vista tal-premess l-ebda ammont ma’ huwa dovut lill-attur in linea ta’ danni u t-talbiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Paul Tonna semma li hu fotografu u kien mar ghandu missier l-attur dakinhar ta' l-incident biex jiehu ritratti tal-kollizjoni u ikkonferma r-ritratti esibiti a fol 18 ***et***.

PS 1225 Mario Fenech esebixxa Dok PF1 u PF2 - ir-rapport u l-iskizz dwar l-incident. Minn dan jirrizulta li meta tkellem mal-konvenuta semmiet li ma kenitx taf minn fejn gie l-mutur. L-attur kien qallu li kien gej mill-Buskett u fil-kisra daret fuqu bil-karozza l-attrici. Xehed li li kien tkellem mal-konvenuta darbtejn.

Mariella Scicluna xehdet li dak in-nhar ta' l-incident kienet sejra bil-karozza taghha lejn Had-Dingli u kienet gharfet lil Ciangura ghax kellu helmet zghir [mhux ***full face***]. Lill-konvenuta ratha ssuq quddiemha meta German daret u laqtet il-mutur. Ikkonfermat r-ritratti u l-iskizz. Semmiet li meta saret il-kollizzjoni Ciangura habat is-sinsla ta' dahru mal-bankina. U anke l-pala ta' siequ taqalu lejn il-lemin u nizlet biex tghinu.

Fl-affidavit tieghu Godfrey Ciangura semma li kien qieghed isuq fuq is-***side*** tieghu bil-mutur. Il-konvenuta kienet qedgha ssuq fid-direzzjoni opposta, u f'daqqa wahda daret lejn il-lemin taghha biex tidhol fis-***side road*** li kien hemm fuq ix-xellug tieghu minghajr ***indicator*** u minghajr ma tat cans lill-attur. Ma tat ebda indikazzjoni li ser iddur. Laqtitu fin-nofs tal-mutur fuq il-lemin. Dahlet f'nofs il-mutur tieghu u spicca l-Isptar, u wegga'

gravement u ser jibqa' b'disabilita`. Mr. Grixti iccertifika dizabilita' ta' 8% Ikkonferma l-iskizz.
Spejjez fil-mutur kellu tal-***Parts***
LM259
Spejjez tal-***Labour*** [Dok GC1 Fol 11, D
LM250
Lil Dr. Falzon [fol 9] LM
60
Lil Mr. C. Grixti [fol 8] LM
80
Dok M sa M4 – FS3 ghas-snin 2001 sa 2004 u prezentement jiehu nofs il-paga minhabba proceduri ohrajn pendenti f'Qorti ohra.

Clint Zahra – ***Mechanic*** tal-Muturi – xehed li ghamel riparazzjonijiet fuq il-mutur ***de quo*** u semma li x-xoghol sewa mitejn u hamsin lira.

Philip Zammit xehed li hu ***surveyor*** u ezamina l-mutur ***de quo*** u hareg id-dokument a fol 10. Biex jitranga l-mutur inkluz ***part*** ghamel stima ta' Lm780.

Oliver Sydney rappresentant ta' l-Air Malta – ***Head*** fil-***payroll system***ipprezenta d-dhul ta' l-attur ghas-snin 2001 sa 2004 u cioe` Lm6998, Lm 8627, Lm7533, Lm3709.

Xehdet Carmen German u qalet li kienet tiela' Borg Olivier Street fid-direzzjoni tal-Buskett u waqfet biex iddur lejn ***side road*** u li kellha l-***indicator*** mixghul u li kienet wieqfa u xi hames karozzi weqfin warajha u damet wieqfa ghal xi minuta u nofs jew tnejn. Minn wara s-serbut tal-karozzi tfacca persuna bil-mutur u qabez il-karozzi u sar l-impatt mal-vettura taghha. Sostniet li dan la kellu licenzja u lanqas ***insurance***. Semmiet li kienet taht xokk meta kellmet lill-pulizija. Ziedet li bil-kemm kienet qedgha ticcaqlaq dak il-hin tal-impatt.

Rat id-digriet tal-14 ta' Frar 2006 fejn giet nominat Mr. Ivan Esposito bhala espert mediku.

Rat ir-rapport mediku tat-tabib Mr. Ivan Esposito fejn issemma li:

"STORJA:

Meta staqsejt lil Godfrey Ciangura, taht gurament, huwa qal li fis-7 ta' Jannar 2005 waqt li kien riekeb fuq mutur, huwa gie allegatament mtajjar minn karozza li laqghtet l-istess mutur fuq in-naha tal-lemin.

Mad-daqqa huwa nxtehet ma' l-art u ma' setghax jirfess fuq riglejh tal-lemin. Bl-ugieh hasshu hazin u kellu jittiehed bl-ambulanza lejn l-isptar San Luqa. Meta gie ezaminat nstab li kien qed issoffri minn ksur u zlugar ta' l-ghaksa leminija, daqqa fuq il-parti ta' wara tar-ras, daqqa fuq in-naha tax-xellug ta' genbu w brixx fuq il-parti ta' quddiem ta' l-ghadma tal-qasba tal-lemin.

Waqt li kien fid-dipartiment ta' l-emergenza, il-ksur ta' l-ghaksa gie migbud biex tqeghdet f'puzizjoni ahjar.

Inzamm taht osservazzjoni minhabba l-korriment f'rashu. L-ghadha gie trasferrit mis-sala OW3 fej tkompliet il-kura minhabba l-ksur li kellu. Saritlu operazzjoni fl-10 ta' Jannar 2005 u kellu bzonn operazzjoni ohra fit-12 ta' Jannar 2005. ir-rigel tqeghdet fil-gibs u ma' setghax jaghmel piz fuqha ghal sitt gimghat. Huwa dam l-isptar sal-15 ta' Jannar 2005.

Kif kien pjanat rega' dahal fit-2 ta' Marzu 2005 biex jitnehha s-'Syndesmosis screw'. Wara li tnehha dan, setgha jibda jwaddab il-piz fuq ir-rigel.

Is-sur Ciangura dam juza l-krozzi ghal madwar hames xhur. Kellu jattendi ghall-fisjoterapija ghal madwar l-istess zmien.

SITWAZZJONI PREZENTI:

Mr. Ciangura ghandhu jbati minn bosta sintomi.

Mill-aspett fisiku huwa ghandhu dawn il-problemi.

Ugieh fl-ghaksa tal-lemin

Nefha fl-ghaksa tal-lemin

Ma' jistax joqghod bil-wieqfa fit-tul minhabba ugieh fl-ghaksa tal-lemin

Problemi biex jinzel it-tarag

Ugieh maghtul il-lejl

L-ugieh izid fir-rih isfel

Tfaqqieh minn l-ghaksa

EZAMI MEDIKU:
Ciangura gie ezaminat ghall-fini ta' dan ir-rapport mediku fl-10 ta' Mejju 2006.
Huwa naqra zopp fuq il-lemin.
Ma' juzax bsaten jew krozzi.
Riglejn tal-lemin:
Il-gog tal-wirk (Hip) ghandhu movimenti normali.
L-irkobba tal-lemin ghandha anglu l-barra (Valgus) aktar minn tax-xellug.
L-ebda evidenza ta' hsara fil-meniski w ligamenti.
L-ghaksa ghandha zewg cikatrici fuq kull genb. L-ikbar wahda qieghda fuq in-naha ta' barra w twila 12cm. Dik ta' fuq gewwa twila 6cm. Il-feriti jidhru li m'ghandhomx infezjonijiet fihom u li fiequ sew. Il-ferita tan-naha ta' gewwa hija naqra sensittiva meta tmissa.
L-ghaksa nieqsa minn 10 gradi ta' movimenti il-fuq u 10 gradi l-isfel. Il-moviment ma' jikkawza l-ebda ugieh imma hemm hoss ta' tfaqqieh. M'hemm l-ebda nstabilita.
Il-gog ta' tahtha (sub-Talar) huwa naqra iebes.
M'hemm l-ebda evidenza ta' Complex Regional Pain Syndrome.
Hemm cikatrici zghira – fuq il-parti ta' fuq ta' l-ghadma tal-qasba tal-lemin, fejn kien hemm barxa.
Ir-rigel tal-lemin tidher li hija ttwal minn tax-xellug, imma meta jitkejlu ma' hemmx differenza. Ir-raguni hija minhabba 'Pelvic tilt'.
Ma' hemm l-ebda evidenza ta' 'Flat feet'.

STORJA SOCJALI:

Ma jpejjipx
Jahdem bhala driver/loader ma' l-Air Malta. Sospiz mix-xoghol minn qabel ma' kellu l-allegat incident.
Kien jhobb il-kacca imma kellu jieqaf ghax ma' jistax jimxi fuq l-imharbat.
Jiehu hsieb iz-zwiemel.

STORJA MEDIKA:
Qatt ma' kellu mard kroniku.

MEDIKAZJONI:
Co-proxamol PRN

EZAMI RADJOLOGIKU:
X-rays mehudin dis-7 ta' Jannar 2005.
***Ghaksa tal-lemin – Ksur ta' l-ghadma ta' barra ta' l-ghaksa bi ftuh tal-gog bejn il-fibula w t-tibja (Diastasis).***
X-rays fit-12 ta' Jannar 2005.
***Ghaksa lemin – Ostejosintesi tal-ksur permezz ta' pjanca bil-viti w 'sydesmosis screw'.***

KONKLUZJONI:
Godfrey Ciangura sofra griehi gravi wara allegat incident tat-traffiku meta kien riekeb fuq mutur u safa' mtajjar min karozza. Huwa sofra ksur fl-ghaksa tal-lemin u kellu jigi operat tlett darbiet. Ghadu jsofri minn bosta sintomi fl-istess ghaksa. Dawn huma b'konsegwenza diretta tal-ksur u qtugh fil-legamenti li sofra.
Ksur li jinvolvi gog jista' jikkawza hsara fil-gharquca li tiksi l-ghadam, dan mhux dejjem ikun ovvju mill-ewwel u jista', aktar tard, jikkawza degenerazzjoni fil-gog. Kawza ohra ta' dan jista' jkun ghax ikun hemm tibdil fil-bijomekkanika ta' l-ghaksa. Ic-cans ta' artrite wara ksur fl-ghaksa jista' jkun minn 20 sa 40% (Wilson 1984). Possibilita ohra hija hsara fil-ligamenti, specjalment l-anterjor Talofibular u l-medjal kollaterali.
Il-pazjent ghandu mnejn ikollu bzonn li jitnehhew il-pjanca w l-viti.
Jekk wiehed isegwi dawn il-kazi ghal aktar minn hames snin, wiehed minn kull tlieta jkunu ghadhom isofru minn problemi fl-ghaksa (Bauer 1985).
Ta' min isemmi li nefha fl-ghaksa hija komuni wara ksur u din tista' ssir permanenti.
Meta wiehed iqis l-evidenza suggettiva w oggettiva, hija l-opinjoni tieghi li d-disabilita` permanenti hija ta' sitta (6%) fil-mija."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-kaz - Responsabbilta` ghall-incident***

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident awtomobilistiku li sehh f' Misrah San Duminku, ir-Rabat fis-7 ta' Jannar. L-attur kien qed isuq mutur HAT 981, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq vettura bin-numru IBF 583. Il-vettura tal-

konvenuta kienet ghaddejja minn Triq Gorg Borg Olivier, u l-attur kien gej mill-istess triq fuq il-karregjata l-ohra min-naha tal-Buskett, meta l-konvenuta daret ghal triq laterali u laqtet lill-attur. Il-kaz in ezami jitratta talba ghal dikjarazzjoni tar-responsabbilta` ghal din il-kollizjoni li sehhet bejn il-vettura u l-mutur in kwistjoni.

Illi minn dak li jirrizulta mill-atti tal-kawza jidher li l-attur kien gej min-naha opposta u l-konvenuta laqtitu filwaqt li hu kien ghaddej dahret fuq il-mutur. Mariella Scicluna ikkonfermat li rat lill-konvenuta “tolqot lill-mutur u mhux il-mutur jidhol fil-karozza. Nghid li l-karozza ta’ German jiena qatt ma rajtha miexja. Nghid li hija laqtet il-mutur bil-mudgard tal-ta’ quddiem.” (a fol 51). Is-surgent Mario Fenech ikkonferma li l-hsara fuq il-karozza ta’ German saret fuq in-naha tal-lemin hekk kif jidher fir-ritratt a fol 18.

Mid-depozizzjoni tal-konvenuta rrizulta li ma ratx lill-attur hlief fl-ahhar istanti meta gara l-incident, u hija semmiet li gie f’salt wiehed fuq il-lemin tal-vettura taghha. Ghalkemm, il-Qorti hija tal-fehma li din il-verzjoni tal-konvenuta ma tantx hija kredibbli anke in vista tal-fatt li hija tat zewg verzjonijiet differenti lill-pulizija, peress li sostniet li dakinhar tal-incident hija kienet taht xokk qawwi. In vista ta’ dan, hija sostniet fl-ewwel verzjoni li ma ratx minn fejn kien gej, u fit-tieni verzjoni li gie f’salt wiehed fuq il-lemin tal-vettura. Kif ukoll, gie sostnut li hija marret tati t-tieni verzjoni lill-pulizija, meta fil-fatt jirrizulta li kienet marret ghand il-pulizija hamest ijiem wara u cjoe` fit-12 ta’ Jannar 2005 (fol 98).

Illi wiehed irid jesplora wkoll l-konfigurazzjoni tad-danni riportati fuq il-veikoli rispettivi, principalment fuq dawk tal-konvenuta. Il-hsarat riportati fuq il-mutur ta’ l-attur jinsabu fil-parti centrali leminija ta’ l-istess u dawk fuq il-vettura tal-konvenuta jinsabu precizament fuq il-parti l-leminija frontali ta’ l-istess, senjatament fil-kantuniera tal-fjank lemini frontali tal-vettura [***vide “*****Dok: R.2”** u **“Dok: R.3”**].

Kif kien imwegga’ dak il-hin ta’ l-incident l-attur mhux probabbli li kien ser joqghod jivvinta storja bhal dik. Wara kollox kienet il-konvenuta li marret iddawwar il-verzjoni

wara hamest ijiem. Il-mod kif habat is-sinsla ta' dahru l-attur mal-bankina tkompli issahhah dan.

Il-Qorti ghandha l-kompitu tar-ricerka tal-verita` dwar il-fatti. Il-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Penza vs Claes Nicklas K. Skalin et** (App Civ Inf 1/11/2006 – 654/2003) fejn intqal illi:
"… fejn il-verzjonijiet ta' kif sehh l-incident jikkontrastaw lil xulxin, llura hu dover tal-Qorti li tittanta tirrikostruwixxi d-dinamika tal-habta u tigbed l-inferenza okkorenti minn dak li ntqal mix-xhieda u mic-cirkostanzi generali tal-kaz."

***D2. Negligenza***

Huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett madd-anni sofferti." Vol.XXX p.III. p142 (Ara **Gerald Bugeja vs David Gatt** deciza mill-Qorti tal-Appell deciza fl-20 ta' Ottubru 2003.

Huwa ghalhekk, li jrid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-att jew ommissjoni tal-konvenut, u l-incident in kwistjoni. Fil-fatt, fil-kaz odjern, din il-Qorti ser tanalizza dan in vista tal-fatti u provi prodotti. Gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana li;
"Il-Qrati Taghna fuq l-iskorta ta' awturi Inglizi eminenti jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f'kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f'kawza civili fis-sens illi filwaqt li f'kawza kriminali, l-htija tal-akkuzat trid tigi ppruvata ***"beyond reasonable doubt,"*** f'kawza civili bizzejjed li jkun hemm ***"moral certainty***", certezza morali f'mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed li jkun hemm ***"a mere possibility".***

"Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq l-inferenzi li naturalment u probabilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-***"balance of probabilities."*** (Ara **Paul Vassallo et vs Carmelo Pace,** Appell Civili deciza fil-5 ta' Marzu 1986, u **Zammit vs Petrococchino noe.** Deciza fil- 25 ta' Frar 1952).

F’dan il-kuntest, ta min isemmi wkoll li l-artikolu 1033 jiddisponi hekk:
“Kull min bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid, jew b’nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk.”

Fil-kaz in ezami, m’hemm l-ebda dubju li jezisti ness guridiku bejn l-att tal-konvenut u l-incident in kwistjoni.

***<u>D3. Proper Look-out</u>***
Jigi rilevat li sewwieq ikun ikkontribwixxa ghall-incident jekk ma jkunx zamm ***“proper lookout”***. Illi persuna tkun ikkontribwiet ghall-incident meta b’negligenza u b’nuqqas ta’ ***proper look-out*** ilwiet ghal triq laterali minghajr ma rravizat bir-reqqa x’kien ghaddej fil-karregjata l-ohra tat-triq. M’hemmx dubju li l-obbligu ta’ kull sewwieq huwa li jzomm ***proper look-out***.

Fil-fatt fil-kaz **Dr. Louis Bianchi noe. Vs Michelle Cassar,** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fis-6 ta’ Novembru 1998, inghad li
“tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta’ incidenti ta’ traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investimenti ta’ vetturi, jigifieri……………b) hu anke dmir ta’ sewwieq li jzomm dak li komunikament tissejjah “a reasonable look-out” liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragonevolment vizibbli.”

Dwar in-nozzjoni tal-***proper lookout*** jinghad li fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** il-Qorti qalet:
Gie appropositu ritenut li hu dover ta’ driver ‘to see what is in plain view’ (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs Jospeh Vella [10/08/1963] u li ‘min ma jarax li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout’ (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1964]). Illi fi Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co.Ltd (1968), il-Qrati kienu rritenew illi:

"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."

Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Untours Insurance Agency Limited *pro et noe* vs. Etienne Saliba et** gew spjegati z-zewg regoli kardinali tas-sewqan, ***ossia*** li hija regola generali, fi kwestjonijiet ta' stharrig ta' responsabbilita`, li kull sewwieq irid ihares zewg regoli ewlenin, jigifieri li, fl-ewwel lok, dawn ghandhom jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi kollha tal-inhawi fejn ikun (maghduda maghhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-hin u l-kundizzjonijiet atmosferici), u, fit-tieni lok, sewwieq ghandu jzomm attenzjoni (***"proper lookout"***) dwar dak li jkun qieghed issehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.

Is-sewqan ta' l-attur gie mfixkel u mxekkel – bil-konsegwenza ta' impatt – mill-konducent tal-vettura (Carmen German) li kienet gejja fil-karreggjata u mid-direzzjoni opposta ghal dawk ta' l-attur, stante li hekk kif avvicinat ruhha fil-prossimita` ta' l-entratura tat-triq laterali, il-konvenuta kisret fuq il-lemin taghha sabiex tidhol fl-imsemmija triq laterali bil-korollarju li nvadiet il-karreggjata li f'dak il-mument tranzitata mill-attur. Il-konvenuta dahlet fil-mutur ta' l-attur u laqtitu bil-parti frontali leminija taghha fuq il-lat centrali lemini tieghu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-konvenuta ma zammitx ***proper look-out***, u ma ratx dak li kien in ***plain view*** u allura l-manuvra li ghamlet il-konvenuta biex ilwiet fi triq laterali ma kienet xejn hlief il-kawza prossima tal-istess incident li ma tatx cans lill-attur jiehu l-ebda forma ta' ***"evasive action."*** Il-Qorti ghalhekk, tasal ghall-konkluzjoni li l-htija tal-incident kien tal-konvenuta minhabba negligenza u nuqqas ta' ***proper look-out***, tant li la hi u lanqas l-attur ma kienu jistghu jiehdu azzjoni evaziva biex jevitaw l-incident.

Jinkombi ghalhekk, fuq il-Qorti li tillikwida d-danni subiti mill-attur. Dawn iridu jigu ezaminati taht zewg aspetti u cjoe` dak ta' **damnum emergens** u **lucrum cessans.**

***D4. Damnum emergens***

A bazi tal-artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 jkun dovut lid-danneggjat t-telf effettiv, ossia ***d-damnum emergens,*** li d-dannegjat jsofri b'effett immedjat u dirett tal-eghmil sinistru. Irid jigi kumpensat ghal dawk l-ispejjez inkorsi sabiex jigi riprestinat lilu t-telfien ta' xi beni li jkun sofra.

Kawza ta' dan l-incident Godfrey Ciangura kellu jiddahhal, l-isptar ghal intervent kirurgiku, u li wara dan sar hlas ta' viziti lill-Professur Grixti li jammontaw ghal tmenin Liri Maltin (LM80), liema ricevuta hija esebita a fol 8, u wkoll viziti medici lit-Tabib Dr. Falzon fl-ammont ta' sittin Liri Maltin (LM60) (a fol 9). Oltre dan, il-mutur li kien qed isuq sarlu hsarat kbar u s-***surveyor*** Philip Zammit ivvalutah hamsin Liri Maltin (LM50) wara l-incident meta l-valur tal-mutur qabel l-incident kien ta' tmien mija u hamsin Liri Maltin (LM850) (a fol 10).

Hawnhekk, ta' min jirreferi ghall-principju li d-dannegjat huwa obbligat jimminimizza d-danni. Fil-kawza **Mario Blackman vs Paul Formosa,** App Civ. Deciz fil-5 ta' Ottubru 1994, saret referenza cara ghall-obbligu tad-dannegjat "illi jillimita kemm jista' jkun id-danni li ghalihom hu responsabbli min ikkagunalu l-hsara."
Hekk fil-fatt, ghamel l-attur fil-kaz odjern, stante li r-riparazzjonijiet fuq il-mutur saru permezz ta' "***second hand parts***."

L-ammonti kollha relevanti u accettati huma:

| | |
|---|---|
| Spiza tal-Professur Charles Grixti | LM 80 |
| Spiza ghand it-tabib Dr. Paul Falzon | LM 60 |
| Second hand parts"ghall-mutur | LM259 |
| Spejjez ta' xoghol fuq il-mutur | LM250 |
| Ricevuta ghar-rapport tal-Pulizija | LM 3 |
| | ---------- |

Total LM652

***D5. Lucrum cessans***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta'qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.

Ghalhekk il-qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta' qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta' qligh futur, ossia ***lucrum cessans,*** li d-danneggjat jkun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza tal-eghmil dirett tad-danneggjant.

F'dan il-kuntest, hija relevanti x-xhieda ta' l-attur, u ta' Oliver Sydney u d-dokumenti FS3. Id-dhul tal-attur ghas-snin 2001 sa 2004 kien LM6998, LM 8627, LM7533, LM3709. Dan jinkludi allowances u overtime. Il-Qorti trid tasal ghas-somma ***arbitrio boni viri*** u f'dan il-kaz sejra tapplika l-***average*** u cioe' LM6717. Ara **Lorenzo Galea vs Michael Cunningham** deciza fil-31 ta' Ottubru, 2007 minn din il-Qorti diversament presjeduta [I R C Pace] dwar ***lucrum cessans u allowances / overtime.***

***D5a. Multiplier***

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju, 2005. fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru: 154/02FS inghad:

"Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-

"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Lambert vs Buttigieg deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'multiplier' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'multiplier' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' 'Buttler vs Heard' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-multiplier adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` ta' l-attur meta sar l-incident – 31 tqis li ghandha tadopera ***multiplier*** ta' 25 ghall-kaz in ezami (ara wkoll Caruana vs Camilleri 27/2/04, Dalmas vs Ghigo 5/2/80, Camilleri vs Polidano 1/10/82, Bugeja vs Agius 12/1/87).

***D5b. Paga u gholi tal-hajja***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna l-attur li kien qieghed jaqla' salarju ***gross average*** ta' Lm6717 fis-sena. Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 25-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (Lm6717) u dak ta' l-ahhar salarju fil-futur (Lm2600 + Lm6717 = Lm9317) ossia Lm6717 + Lm9317 /2 = Lm8017]. Dan oltre l-awment ta' l-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***D5c. Dizabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Ivan Esposito [a fol 105 sa 107 tal-process] jirrizulta li d-dizabilita` prezenti tal-attur hija ta' 6% ghalkemm semma li nefha fl-ghaksa hija komuni wara ksur u din tista tkun permanenti. Min-naha l-ohra fir-rapport mediku tal-Professur Charles Grixti datat 7 ta' Jannar 2005, irrizulta li d-dizabilita` permanenti tal-attur kienet ta' 8% izda zied ighid ukoll li biz-zmien, "***range of movement can increase***", ghalhekk tista' timmeljora s-sitwazzjoni tal-attur. Stante li r-rapport ta' Dr. Esposito datat 10 ta' mejju 2006, huwa iktar recenti, ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' 6% bhala dizabilita`.

***D5d. Lump Sum Payment***

L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment*** b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie imnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami din ma tantx hi problema ghax l-incident gara fis-7 ta' Jannar 2005 u s-sentenza qedgha tinghata tliet snin u nofs wara. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 18%.

***D5e. Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***D5f. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali ta' l-attur inkluz l-gholi tal-hajja tammonta ghal LM8017;
II. jrid jitqies ***multiplier*** ta' 25. Dan igib l-ammont ta' LM200425;
III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 6% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM12025.5;
IV. wara jrid jitnaqqas 18% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal LM9860.91 ossia €22975.92;

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut li l-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Jannar 2004 gewwa ir-Rabat (Malta) ma' garax tort u htija taghha izda gara unikament tort u htija ta' Godfrey Ciangura, il-qorti tirreferi ghal dak imsemmi fil-paragrafi D1, D2, u D3 supra u tichad l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjoni li in vista tal-premess l-ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni u t-talbiet tieghu fil-konfront tal-konvenuta, il-Qorti tirreferi ghal dak imsemmi fil-paragrafi D4, u D5 supra u tichad l-eccezzjoni.

L-attur wara li talab id-dikjarazzjoni tal-konvenuta bhala responsabbli ghall-incident li sehh fis-7 ta' Jannar 2005 li fih l-attur safa ferut gravament, talab il-likwidazzjoni ta' l-istess danni subiti.  Dawn gew hawn fuq likwidati fl-ammont ta'€22975.92 [tnejn u ghoxrin elf disa' mija w hamsa w sebghin euro, tnejn u disghin centezmu].

Ukoll il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu lill-attur s-somma kif likwidata ta' €22975.92.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------